MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 265/2008

**Emanuel Buttigieg**

**Vs**

**Martin Ellul**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fl-4 ta` April, tas-sena 2008 in forza ta` liema huwa talab li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` €955.04c ekwivalenti ghas-somma ta` Lm410 rapprezentanti flus illi kien ghadda lil konvenut *brevi manu* bl-intiza illi dawn kellhom jigu restitwiti u peress illi dawn baqghu ma gewx restitwiti qed jitlob illi jigi kkundannat ihallas din is-somma mghoddija lil konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-prezentata ta` l-avviz sa l-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi fis-seduta tat-23 ta` Mejju, huwa baqa` ma pprezentax ruhu quddiem dan it-Tribunal u wisq anqas ressaq provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` l-attur li bil-gurament tieghu kkonferma li huwa kien ghadda s-somma ta` Lm410 fi flus kontanti lil konvenut in kontra kambju ta` zewg cekks illi kienu gew intestati lill-istess konvenut minn terza persuna.

Xehed ukoll illi dawn ic-cekks baqghu ma gewx onorati u meta talab diversi drabi lil konvenut sabiex iroddlu lura l-flus li huwa kien ghaddielu bil-patt u kundizzjoni li l-istess attur jaghtih lura dawk iz-zewg cekks li baqghu ma gewx imsarrfa, il-konvenut baqa` ma hallsux lura lil attur is-somma ta` Lm410 nonostante diversi weghdiet illi kien ghamillu l-konvenut u ghalhekk l-attur baqa` skopert fl-ammont ta` Lm410 illi huwa kien ghaddielu.

It-Tribunal seduta stante ikkonstata wkoll il-fatt illi c-cekks li kienu ntestati lil konvenut fil-fatt gew ritornati mill-bank HSBC bil-kummenti “refer to drawer” u ghalhekk irrizulta wkoll illi c-cekks li ghaddielu l-konvenut lil attur baqghu ma gewx imsarrfa.

It-Tribunal innota wkoll illi wara illi xehed l-attur u ddikjara illi ghalaq il-provi tieghu, l-konvenut meta rega` gie msejjah ghal diversi drabi rega` ma deherx quddiem it-Tribunal.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici kif dedotta u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur is-somma kif mitluba ta` €955.04c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------